MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 175/2002/1

**Joseph Aquilina u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2006 l-atti ġew trasfużi f'isem Josephine Aquilina mart l-istess Joseph Aquilina u l-erba' uliedu Annabelle Raway, Edmund Aquilina, Roberta Mancuso u Shirley Aquilina, stante l-mewt ta' Joseph Aquilina li seħħet fil-mori tal-kawża.**

**Vs**

**Therese Schembri u b'digriet tat-18 ta' Diċembru, 2002, Dr. Richard Sladden u l-P.L. Victor Bugeja ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Susan Cheesbrough, Christopher Martin u Keith Martin u b'digriet tal-5 ta' Marzu, 2004 l-atti ġew trasfużi f'isem Suzanne Schembri u Josette Mary Schembri stante l-mewt ta' ommhom Theresa Schembri.**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta’ Frar, 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi l-attur huwa iben fost erbat itfal li kellha Melania Aquilina.

Illi Melania Aquilina mietet fis-17 ta’ Novembru, 2000 u fl-aħħar testment tagħha l-imsemmija omm l-attur Melania Aquilina, innominat lill-attur flimkien ma’ Tereża mart Reginald Schembri, Susan mart Ron Cheesbrough minnu ddivorzjatha, u liż-żewġ ulied ta’ oħt l-attur Lilian mart Ed Martin u cioe’ Christopher Martin u Keith Martin bħala eredi universali fi kwoti indaqs oħrajn u dak kif indikat fit-testment tad-9 ta’ Ottubru, 2000 in atti in-Nutar John Gambin (Dok. “A”).

Illi l-attur irrinunzja għall-istess wirt ta’ ommu permezz ta’ nota fis-Sekond’Awla tal-Qorti Ċivili (Dok. “B”) iżda fl-istess nota l-attur irriserva l-jedd tiegħu li jitħallas il-leġittima skond il-liġi.

Illi permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni in atti n-Nutar Peter Carbonaro ta’ l-14 ta’ Diċembru, 1998, Melania Aquilina iddisponiet minn proprjeta’ tagħha immobbli u dan billi ttrasferiet b’titolu ta’ donazzjoni l-appartament internament immarkat numru 7 formanti parti l-*block* ta’ *flats* bl-isem ta’ The Generator Flats fi Triq San George f’San Ġiljan (Dok. “C”), u b’hekk illediet id-drittijiet suċċessorji ta’ l-attur.

Illi fit-23 ta’ Novembru, 2000, il-konvenuta Susan Cheesbrough abbużivament u illegalment użat prokura mogħtija lilha minn Melania Aquilina, u dan stante li użatha wara l-mewt tagħha u per konsegwenza ġibdet is-somma ta’ elf, tliet mija u sebgħa u disgħin Lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm1,392.57) u approprijathom a favur tagħha u dan kif jirriżulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. “D”, Dok. “E”, Dok. “F”.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

Prevja d-dikjarazzjonijiet li l-attur huwa intitolat għal-leġittima skond il-liġi fuq il-wirt tad-*decuius* Melania Aquilina;

1. Tordna l-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarji ta' Melania, Aquilina,

2. Tillikwida l-leġittima dovuta lill-attur skond il-likwidazzjoni ta' l-assi ta' l-eredita' ta' Melania Aquilina anke bl-opera ta' periti nominandi,

3. Tikkundanna lill-konvenuti jassenjaw lill-attur il-proprjeta' jew iħallsu dik is-somma hekk likwidata bħala leġittima dovuta lill-attur.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attur Joseph Aquilina u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dr. Richard Sladden et bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Susan Cheesbrough, Christopher Martin u Keith Martin, ippreżentata fil-15 ta' Jannar, 2003, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-eċċipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu l-eċċezzjonijiet tagħhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Dr. Richard Sladden et bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Susan Cheesbrough, Christopher Martin u Keith Martin.

Rat l-atti proċesswali kompriż il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistent ġudizzjaru  u l-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar miċ-ċitazzjoni din hija kawża fejn l-attur qed jitlob li jigi assenjati l-legittima spettanti lilhom mill-wirt ta' ommu Melania Aquilina. Fil-mori tal-kawża miet fost l-oħrajn l-attur u l-kawża tkompliet mill-erba' uliedu u martu.

L-imsemmija Melania Aquilina kellha erbat itfal sa fejn kien jaf l-attur iżda eventwalment huwa sar jaf li ommu kellha tifla oħra, Maria, (minn missier mhux magħuruf) u ġie infatti esebit fil-kors tal-kawża ċertifikat tat-twelid tagħha. Għalkemm din ma ddaħlitx fil-kawża, l-esistenza tagħha trid tkun ikkunsidrata f'kawża simili.

Din il-kawża giet intavolata <u>qabel</u>, u għalhekk tirrigwardja ftuħ ta' wirt li sar <u>qabel</u>, l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni li tirrigwardja partikolarment il-legittima. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ riċentement (2004) u jagħmluha ċara li ma jaffettwawx wirt li infetaħ qabel dik id-data. Infatti l-Artiklu 116 (2) ta' l-att in kwistjoni (Att Numru XVIII tal-2004) għamilha ċara illi l-Artiklu 58 li appuntu emenda l-Artikli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-legittima (issa msejħa *parti riservata*) kellhom *japplikaw dwar suċċessjonijiet li li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ.* Għalhekk ċertament f'dan il-każ il-liġi applikabbli hija kif kienet dakinhar u allura qabel saru l-emendi.

Il-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f'żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-oħra le. Il-parti mhux disponibbli tiġi matematikament kalkolata a bażi ta' l-Artiklu 616 u dawk li jsegwu (C<u>utajar vs Cutajar</u> – Prim'Awla - 3 ta' Ottubru, 2003). In vista ta' dan *l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-*

*likwidazzjoni sabiex ikun jista' jigi aċċertat jekk id-decujus bid-disposizzjoni ta' xi legat eċċediex il-parti disponibbli tal-patrimonju.* (Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer – Prim'Awla - 22 ta' Mejju, 1950). F'dan il-każ ma hemmx din il-problema billi mill-atti tal-kawża jirriżulta ċar mill-provi li ressaq l-attur li l-uniku assi tal-mejtin kien il-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni u s-somma ta' elf, tliet mija, sebgħa u disgħin Lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm1,397.52) li ġiet irtirata mill-konvenuta Cheesbrough wara l-mewt ta' ommha u għalhekk hu ċar li l-parti disponibbli ġiet fil-fatt disposta mit-testatriċi qabel ma mietet permezz tad-donazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni a skapitu tal-leġittima dovuta lill-atturi.

Għalkemm l-attur ħarrek lil ħutu kollha (eċċetto Maria li ssemmiet qabel) u l-ulied ħutu li mietu qabel jew fil-mori tal-kawża, kienet il-konvenuta Cheesbrough li iddisponiet mill-proprjeta' u għalhekk għandha twieġeb hi biss għat-talbiet attriċi għaliex il-konvenuti l-oħra ma ħadu xejn bħall-attur. Fil-mori tal-kawża mbagħad Cheesbrough biegħet il-fond in kwistjoni lil terzi kif irriżulta mill-att pubblikat ukoll minn Nutar Carbonaro u għalhekk il-Qorti ma tistax tassenja lill-atturi sehem minn dik il-proprjeta' kif fil-fatt ħaqqhom. Infatti l-Artiklu 620 (1) jgħid li l-legittima (issa magħrufa mill-Kodiċi Ċivili bħala *parti riservata*) kellha tingħata fi proprjeta' sħiħa u t-testatur ma jistax jgħabbiha b'xi piż jew kondizzjoni waqt li s-sub-inċiż (2) kien jgħid illi l-leġittima kellha tinħadem fuq l-assi kollha tal-mejjet wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjeż tal-funeral. Ma sarux pero' provi ta' djun.

Skond l-Artiklu 648 biex tinħadem il-leġittima trid tiżdied ma' l-assi eżistenti fil-mument tal-mewt, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur u eżattament fil-każ ta' immobbli l-valur tal-proprjeta' fil-mument tal-mewt., iżda fit-testment il-mejta esentat lill-werrieta mill-obbligu ta' l-imputazzjoni. Għalhekk l-uniku kweżit huwa jekk il-fond li ġie trasferit lill-istess konvenuta Cheesbrough minn ommha f'ħajjitha għandux ukoll jittieħed in konsiderazzjoni fil-

komputazzjoni tal-leġittima. Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx dubbju li r-risposta hija fil-pożittiv.

Dan hu kkonfermat mhux biss mill-Artiklu 648 illi jgħid kif ġia' ingħad li jridu jingħaddu d-donazzjonijiet li jkun għamel it-testatur iżda anke min-noti tal-Professur Caruana Galizia fuq is-suċċessjoni (paġna 1021) fejn jingħad fit-test Ingliż illi;

"*Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations.*

*The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights.*

*Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased's estate are added not only those made purely 'animo donandi' but also those made in remuneration for services, or out of gratitude.*"

Għalhekk kwantu għat-talba attriċi ai termini ta' l-Artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili billi l-mejta kellha ħamest itfal, il-leġittima kellha tkun nofs l-assi u għalhekk il-partijiet kellhom id-dritt jipparteċipaw f'dan in-nofs. Għalhekk l-atturi bejniethom ħaqqhom wieħed minn għaxra (1/10) tal-proprjeta' tad-*decujus*, ossija sehem missierhom, l-attur originali fil-kawża. Għalkemm kif ingħad il-leġittima, skond il-liġi allura viġenti kienet tkun dovuta *in natura, in piena proprieta senza alcun peso od altra condizione.* (Vol. XXXVIII – P II p 116). Billi pero' kif ġia' ingħad il-fond

imsemmi ġie mibjugħ il-Qorti jkollha tillikwida l-ammont dovut.

Il-fond ġie stmat mill-espert tekniku li jiswa' tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000) u għalhekk il-konvenuta Cheesbrough għandha tħallas lill-atturi bejniethom is-somma ta' elf, tliet mija, disgħa u tletin Lira Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm1,339.75) ossija wieħed minn għaxra (1/10) tas-somma ta' tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000) mizjuda bl-elf, tliet mija, sebgħa u disgħin Lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm1,397.52) li żbankat l-istess konvenuta, u għalhekk wieħed minn għaxra (1/10) ta' tlettax-il efl, tliet mija, sebgħa u disgħin Lira Maltin u tnejn u ħamsin ċenteżmu (Lm13,397.52).

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna lill-konvenuta Susan Cheesbrough tħallashom is-somma ta' elf, tliet mija, disgħa u tletin Lira Maltin u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm1,339.75). L-ispejjes kollha, inkluzi tal-konvenuti l-oħra, jitħallsu mill-istess konvenuta Cheesbrough.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------